MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 2392/2003

**Charles Foca’**

**Vs**

**Joseph Vassallo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ta’ l-attur li bih talab li l-konvenut jigi kkundannat mit-Tribunal ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm1,322.92c) rapprezentanti danni llikwidati li huwa sofra sabiex sewwa magna ta’ vettura tal-kwalita’ mhux pattwita stante li xtraha bhala kundizzjonata u riborjata gdida, meta fil-fatt ma kienitx.
Bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta’ Dicembru, 2003 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-mandat ta’ sekwestru.

Ra r-Risposta tal-konvenut li eccepixxa illi fl-ewwel lok, l-attur m'ghandux interess guridiku peress li din il-vettura lahaq ittrasferiha lil terza persuna u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.
Illi, fit-tieni lok, in-nebolozita' ta' l-avviz peress li minnu mhux car jekk l-attur hux qed jesperimenta l-azzjoni aestimatoria jew kawza ghal danni u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.
Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu mhux minnu li l-vettura kienet afflitta minn xi difetti latenti u kienet f'kundizzjoni tajba meta giet ikkonsenjata. Semmai kien l-atttur stess li kkawza l-hsarat fil-magna.
Ra illi b'digriet tat-13 ta' Jannar, 2005 dan it-Tribunal ordna li l-kliem li kien hemm originarjament fl-Avviz u cjoe' l-kliem *"li kienet difettuza u b'difetti latenti wara,"* jigu sostitwiti bil-kliem *"mhux tal-kwalita' pattwita stante*,"
Ra li l-konvenut ipprezenta risposta ulterjuri fejn eccepixxa illi l-azzjoni esperita ai termini ta' l-Artikolu 1390 mhix attendibbli peress li dak li qed jitlob mhux kwistjoni tal-kwalita' pattwita.
Illi, inoltre *dato ma non concesso* li ma tigix akkolta l-ewwel eccezzjoni jidher car li l-azzjoni li qed jesperimenta l-attur bil-korrezzjoni maghmula hija dik ai termini ta' l-Artikolu 1390 li mhix sostenibbli peress li skond din l-azzjoni, l-attur jista' jitlob (a) jew li jirrigetta l-oggett mixtri u jitlob id-danni jew (b) li jaccetta l-oggett mixtri u jitlob tnaqqis fil-prezz. L-attur fil-kawza odjerna mhux qed jitlob ebda wahda minn dawn ir-rimedji u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.
Illi inoltre, dato *ma non concesso* li ma jigux akkolti l-eccezzjonijiet suddetti l-azzjoni attrici hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 1407 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi fl-ahharnett, fi kwalunkwe kaz, kwalunwe danni li qieghed jallega l-attur ma gewx kagunati mill-konvenut ghax il-vettura li xtara l-attur kienet fil-mument tal-bejgh f'kundizzjoni tajba.
Ra x-xhieda tal-attur li huwa *auto dealer* u li kien akkwista vettura Sierra Cosworth minghand il-konvenut ghall-prezz ta' sitt elef lira. Il-konvenut kien spjegalu li kien ghamel magna gdida, b'*piston*s godda. Wara xi tlett gimghat l-attur biegh il-vettura u lil min kien xtraha kien qallu biex ma jafashiex minhabba li kienet ghadha qed taghmel ir-

*running in*. Wara ftit zmien il-kompratur kien cempel lill-attur u qallu li kien hemm xi problemi fil-vettura.
L-attur kien mar mieghu ghand mekkanik u dan ta' l-ahhar kien qal li meta taghfas u tnehhi saqajk minn fuq il-pedala jkun hemm *back compression* u titfa' zejt fuq il-*pistons* u taharqu mis-*silencer* u kien hemm dahna kbira warajha.
Fethu l-magna u rrizulta li kien hemm zewg *pistons* mod u zewg *pistons* mod iehor.
Peress li kien kellem lill-konvenut li kien sostna li l-attur kien baghbas il-magna, huwa qabbad surveyor, certu Natalino Agius.
Sussegwentement kien biddel il-magna a spejjez tieghu u b'hekk il-kompratur kien kuntent. Jispjega li kien bieghha lil certu Charles Butler u kien sar *half transfer* peress li kien ghad hemm id-dejn fuqha. Wara li nqalghet il-kwistjoni kien thassar in-negozju, izda mbaghad kien irrangaha u kien bieghha.
Ra x-xhieda ta' Anthony Cini li kkonferma li kien ikun ghand l-attur meta l-kumpratur kien mar ghandu sabiex jixtri l-vettura. Jghid li ma kienx ma' l-ewwel darba li kienu ftehmu fuq il-prezz. Ftit wara li sar il-bejgh, il-kompratur kien qal li l-vettura kienet qed tahraq iz-zejt. Meta l-mekkanik qala' s-*cylinder head* ma sab xejn.
Ra x-xhieda ta' Natalino Agius, li kien ghamel *survey* fuq il-vettura *de quo* fuq il-Ford Sierra Cosworth bin-numru ta' registrazzjoni COS 076. Jispjega illi mill-ispezzjoni li saret minnu rrizulta li l-magna ma kienitx qed tahdem kif suppost anki ghaliex it-*turbo* ma kienx jahdem ukoll. U b'hekk ma kienx qieghed jimbotta l-qawwa tal-magna.
Jispjega illi meta fetah il-magna sab li ma kienitx ikkundizzjonata kif suppost u lanqas ma kienet fil-kundizzjoni li kien qal il-konvenut. Kien jidher li l-bord kien mikul u dan meta bejn it-*turbo charger* u l-bord tal-magna kien hemm differenza ta' *six thousand of an inch*.
Ghalhekk ma setghetx kienet ikkundizzjonata friska. Jghid li ma setax jikkonferma jekk il-magna nqalghetx minn xi hadd. Jispjega li sabiex magna tkun ikkundizzjonata u tispicca biss wara li jkunu saru eluf ta' liri huwa inaccettabbli.
Jghid li l-ispejjez kienu jammontaw ghal madwar elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300) u kien ispezzjona l-vettura

madwar xahar jew xahar u nofs qabel m'ghamel ir-rapport fis-16 t'Ottubru, 2003.
Ra x-xhieda ta' Lawrence Persico li jispjega li hu kien jahdem fil-pompa tal-petrol Garibaldi fejn il-pompa ta' Carlo Cini. Jikkonferma li kienu tkellmu ma' l-attur u l-konvenut u li kienu raw il-vettura ghaliex il-konvenut kien qalilhom li kien ghadu kif darha.
Jghid ukoll li meta Vassallo fethilhom il-bonnet il-magna kienet qeghda tahdem
Ra x-xhieda ta' Charles Camilleri li huwa mekkanik tal-karozzi u jiggestixxi garaxx maghruf bhala "Zoqdi". Jikkonferma li kien ra l-vettura Ford Sierra bin-numru ta' registrazzjoni COS 076 u dan peress li kien gabilu certu Charlie li ma kienx wiehed mill-partijiet, izda persuna li jghid li hu kien is-sid tal-vettura. Qabel jghid li kien gab il-vettura l-konvenut ghaliex kien xtaq ibieghha u kien qallu li kellha l-magna maqlugha.
Il-partijiet kienu marru ghandu meta kien gara li mill-vettura beda johrog duhhan u beda hiereg hafna zejt mis-*silencer*. Ghal bidu haseb li kien it-*turbo charger* u biddilha izda l-vettura baqghet bl-istess sintomi u kien jidher li l-problema kienet aktar 'il gewwa fil-magna. Kien baghat ghall-partijiet meta kien ser jaqla' s-*cylinder head* u minn hemm irrizulta li minhabba li l-"bore" kien imwessa' kien qieghed itella' z-zejt minnu. Ghalhekk, jghid li jekk il-konvenut kien hadha ghand mekkanik u nehhilha l-magna, x-xoghol ma kienx sar sew u peress li ma kienitx tahdem u kellha certu ammont ta' mili.
Kien biddel dan il-"bore," u hadd ma rega' gie ghandu b'xi problema.
Jikkonferma li kien l-attur li kien ghamel il-pagamenti u kien gab *surveyor* kif ukoll il-mekkanik tieghu li stqarr li kien ra l-vettura u meta qala' l-magna ma kienx irrizultalu li kien hemm din il-hsara.
Ra x-xhieda ta' Joseph Vassallo l-konvenut, li jispjega li hu kien il-proprjetarju tal-vettura Cosworth u ried ibieghha. Pero', qabel m'ghamel dan kien irrangaha minhabba li kienet idahhan ftit abjad. Kien ftiehem ma' l-attur li tinbiegh ghall-prezz ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000). L-attur u l-konvenut kienu marru jippruvaw il-karozza, wara li kien halla l-magna ghaddejja ghal madwar ghoxrin

minuta. Jghid li ma kienux sabu problemi u kien ghalhekk li l-attur kien accetta li jixtriha.
Il-konvenut jispjega li l-attur kien dam m'ghamel it-*transfer* tal-vettura u minhabba f'hekk ma setghetx issir *insurance* ohra. Fil-fatt illum l-*insurance* ghadha f'ismu.
Jghid ukoll li tul dan iz-zmien kien ra l-vettura ghaddejja fit-triq u kull meta mar ghand l-attur sabiex ifakkru jaghmel it-trasferiment, dan qatt ma kien semmielu xejn dwar hsarat.
Il-konvenut jikkonferma li l-vettura bieghha fi stat tajjeb u fil-fatt kien biss xi xahar wara li qallu li kellha l-hsara. Kienet karozza tal-giri.
Ra x-xhieda ta' Jonathan Vassallo, bin il-konvenut li jikkonferma dak kollu li jghid missieru.
Ra d-dokumenti esebiti.
Ra n-noti ta' sottomissjonijiet.

**Ikkunsidra**

Dan it-Tribunal ser ikollu jezamina dawn l-eccezzjonijiet in vista ta' l-importanza taghhom.

1) <u>Interess Guridiku</u>

Din hija l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, li jsostni li, la darba l-attur kien biegh il-vettura lil terza persuna u sakemm kienet ghandu ma kien gralha xejn, m'hemmx ness bejnu u bejn l-attur. Il-konvenut isostni li l-attur ma jistax izommu responsabbli meta hu tah il-vettura fi stat tajjeb u sussegwentement bieghha lil terza persuna li mbaghad wara xi zmien mar jilmenta li l-vettura kellha xi hsara u gie tterminat in-negozju bejn l-attur u din it-terza persuna.
L-attur da parti tieghu jsostni li hu ghandu kull interess guridiku f'dan il-kaz peress li hu hallas ghad-danni la darba kien biegh il-vettura lil terza persuna u ghalhekk kellu kull dritt ghar-rizarciment tad-danni minghand il-konvenut.
Huwa inspjegabbli kif hadd mill-partijiet ma hass in-necessita' li jtella' bhala xhud l-istess Butler.
Ciononostante, ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni li l-vettura nbieghet u lanqas hemm kontestazzjoni li n-

negozju bejn Butler u l-attur gie tterminat. Kien ikun aktar opportun li xehed Butler sabiex it-Tribunal ikun f'pozizzjoni ahjar li jisma' u jistabbilixxi ezattament kif graw il-fatti.
Pero', jibqa' kkonfermat mix-xhud Charles Camilleri li l-pagamenti tal-hsarat kienu saru mill-attur u ghalhekk peress li hu kien akkwista l-vettura, mertu tal-vertenza odjerna, minghand il-konvenut u peress li wara li bieghha regghet spiccat ghandu, jibqa' n-nexus guridiku bejnu u l-konvenut.  Hija mbaghad kwistjoni differenti jekk ir-responsabbilta' tad-danni hijiex dik tal-konvenut jew le.

2) Azzjoni Aestimatoria

Dwar din l-eccezzjoni, in kwantu kienet tallega nebolozita', t-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiehu konjizzjoni taghha aktar ghax il-mertu taghha gie ezawrit meta b'digriet tat-13 ta' Jannar, 2005 giet ordnata korrezzjoni  fl-avviz, fis-sens li t-talba saret minhabba li l-vettura nbieghet mhux tal-kwalita' pattwita u mhux minhabba difetti latenti.

3) L-Artikolu 1390 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-konvenut qed jecepixxi li din l-azzjoni ta' l-attur, kif kostruwita ma treggix u mhix attendibbli peress li si tratta fuq kwistjoni ta' kwalita' mhux pattwita.  Skond it-tezi tal-konvenut, min jaghmel din it-tip ta' azzjoni jista' jitlob zewg affarijiet – a) ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew b) li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.
Jirrizulta, madanakollu, li permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur ma kienx qed jirrifjuta  l-vettura u  lanqas ma kien qed jitlob xi prezz anqas fuq il-vettura. Huwa ghalhekk difficli, fil-fehma tal-konvenut, biex wiehed jinkwadra realistikament x'qed jitlob l-attur cjoe' danni fuq kwalita' pattwita li mhux possibbli jekk ma jirrilaxxjax l-oggett mixtri.
F'dan il-kaz, il-konvenut jissottometti li l-azzjoni attrici mhix attendibbli u dan minhabba li minkejja li qed jitlob id-danni tal-hsarat li kellu jsewwi, kellu l-obbligu li jiddepozita l-oggett mibjugh taht l-Awtorita' tal-Qorti. Minflok ha lura l-vettura minghand it-terza persuna li kien akkwistaha u zammha ghandu.

Jinghad mill-ewwel li din il-kawza kienet tkun rizolvibbli hafna aktar facilment kieku l-attur kien preciz mill-ewwel fl-indikazzjoni ta’ l-azzjoni esperita minnu.  Fil-fatt il-konvenut kellu ragun jilmenta li l-azzjoni ta’ l-attur kienet neboluza.  Dana ghaliex jekk kien qed jistitwixxi l-azzjoni stimatorja, una volta kien ghazel li jzomm il-vettura, kellu jitlob riduzzjoni fil-prezz u jekk kien qed isostni l-azzjoni stimatorja pero’ flok riduzzjoni fil-prezz kien qed jitlob danni, kif fil-fatt talab, kellu jibbaza t-talba tieghu sew billi jispecifika l-azzjoni minnu intentata billi jippremetti x-xjenza da parti tal-konvenut bl-ezistenza tad-difett okkult. Minflok, l-attur l-ewwel ghazel triq u imbaghad biddilha.

Il-ligi taghti lok ghad-danni jekk ix-xerrej isib li l-oggett li l-bejjiegh igib biex jikkonsenjalu ma jkunx tal-kwalita’ pattwita (Artikolu 1390 tal-Kodici Civili).

L-attur issa qed jirritjeni li l-azzjoni tieghu hija dik li tipprovdi rimedju lil min jixtri xi haga li ma tkunx tal-kwalita’ pattwita, li m’ghandha x’taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji.  Hu relevanti f’dan il-kuntest jigi riprodott dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza **Buttigieg Vs Hirst tas-16 ta’ Frar, 1945 (Vol XXXII.I.163**) illi “jekk l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim m’hemmx vizzju redibitorju imma jkun il-kaz ta’ inadempjenza tal-kuntratt li m’ghandha x’taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji”.

Illi l-parametri ta’ l-azzjoni dwar kwalita’ pattwita huma definiti mil-ligi.  L-attur f’dan il-kaz minghajr ma talab il-hall tal-bejgh u minghajr ma rrifjuta l-vettura *de quo* talab il-hlas tad-danni.  Id-danni, pero’, jistghu jintalbu biss wara li l-haga - f’dal kaz il-vettura - tkun giet rifjutata mill-venditur b’mod illi d-danni kkontemplati mil-ligi huma dawk derivanti lill-kumpratur ghaliex effettivament ikun gie priv mill-oggett illi xtara.  Id-danni ma jistghux ikunu dawk sofferti mill-kumpratur **<u>wara</u>** li jkun accetta, kkonsma u biddel in-natura ta’ l-oggett mixtri u derivanti mill-effett ta’ kwalita’ nieqsa.

Kif sewwa qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-senteza **Rizzo noe Vs Zammit fil-15 ta' Dicembru 1997**, "***biex wiehed jiddetermina l-indole u n-natura ta' azzjoni li l-attur ikun qed jezercita, wiehed irid jezamina sewwa il-kliem u t-termini uzati fic-citazzjoni – kif okkorrendo spjegati fid-dikjarazzjoni annessa ma' l-istess citazzjoni – billi n-natura ta' l-azzjoni trid tigi stabbilita mill-ewwel u bi kjarezza u l-attur huwa inezorabilment marbut mal-parametri kif espresso fic-citazzjoni."***

Fil-kaz odjern l-attur, wara li kkorega l-avviz u elimina l-fattur tal-vizzju redibitorju u ghalhekk elimina l-possibilita' li l-azzjoni tieghu setghet tigi kkunsidrata bhala l-istimatorja, specifika li l-azzjoni minnu esperita hija dik ghar-rizarciment ta' danni allegatament sofferti minnu wara li xtara l-vettura u bieghha lil terzi u dan bhala rizultat tal-fatt li l-vettura rrizultat li kienet mhux tal-kwalita' pattwita imma difettuza tant li kien jehtiegilha spiza konsiderevoli biex setghet tigi ghal-kwalita' pattwita.

Ezami tad-dispozizzjonijiet relativi tal-Kodici Civili li jirrigwardaw l-istitut tal-komprovendita jindikaw li x-xerrej li jsofri danni jista' jitlob rizarciment minghand il-venditur jew taht l-azzjoni redibitorja/stimatorja jew minhabba li ma tkunx tal-kwalita' pattwita. Ir-rekwiziti u l-konsegwenzi taz-zewg azzjonijiet, pero', huma differenti hafna.

L-azzjoni ghad-danni derivanti minn-nuqqas ta' konformita' ta' l-oggett mibjugh mal-kwalita' pattwita temergi u hi regolata mill-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili.

***"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit."***

Is-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fuq citata in re **Buttigieg Vs Hirst** ghamlet riferenza ghal sentenza tal-Prim' Awla tal-10 ta' Lulju 1888 (Koll Vol XII, p.1) in re **Scicluna Vs Fenech**, li hija importanti li tigi riprodotta hawn u cjoe' fejn inghad illi l-kumpratur ghandu dejjem

azzjoni li tohrog minn dak li kien l-Artikolu 1104 tal-Kodici Civili ghalkemm ikun ircieva l-oggett, sakemm dak id-dritt ma giex mitluf minhabba l-fatt stess tal-kumpratur, bhal meta l-oggett ikun biddlu mill-istat li kien, jew ikun bi kwalunkwe mod iddispona minnu, b'mod illi ma jkunx aktar possibbli li ssir valutazzjoni tad-diminuzzjoni fil-prezz. Izda meta l-oggett ikun ghadu fl-istat li kien *res ad huc integra*, allura din l-azzjoni tkun possibbli u ammissibbli nonostante li jkun hemm ir-ricezzjoni ta' l-oggett.

Hu x'inhu, una volta l-attur abbanduna t-triq li originarjament kien jidher li qabad u cjoe' dik ta' l-azzjoni stimatorja bazata fuq difett latenti, l-konsegwenza legali llum bilfors trid tkun li meta l-oggett mibjugh ma jkunx konformi mal-kwalita' miftiehma bejn il-venditur u l-kumpratur, allura f'dan il-kaz m'hemmx vizzju redibitorju, izda hemm inadempjenza kuntrattwali partikolari li hija differenti mill-garanzija li l-venditur jaghti lil-kumpratur dwar vizzji okkulti.

Mit-terminologija uzata fl-avviz illum ma jistax ikun hemm dubju li l-azzjoni intentata mill-attur hija dik ghad-danni rizultanti mill-fatt li l-vettura minnu mixtrija ma kienetx ri-kundizzjonata u riborjata kif pattwit.

Jirrizulta pero' li l-attur mhux biss ghazel li jircievi l-vettura u mhux jirritornaha lill-konvenut, izda ukoll ghamlilha r-riparazzjonijiet li jghid li kienu necessarji b'mod illi llum il-vettura m'ghadhiex fl-istat li rceviha cjoe' b'mod li jista' jigi accertat jekk kienitx tal-kwalita' pattwita jew le. Gab provi li jindikaw li ma kienitx riborjata kif suppost u li kellha xi difetti ohra, pero' dan ma jissodisfax il-vot tal-ligi ghaliex jekk ghazel l-azzjoni imsemmija ma setax jiddisponi mill-vettura u jirrangaha b'mod li issa ma tistax tigi ezaminata ghal fini ta' l-azzjoni odjerna u wiehed bilfors irid joqghod fuq xhieda ta' terzi. Jekk l-attur ried verament imexxi b'din l-azzjoni ma setax jagixxi bil-mod li ghazel li jirrikondizzjona l-vettura u imbaghad jitlob id-danni. Ir-rizultat tal-modus operandi ta' l-attur wassal ghas-sitwazzjoni fejn waqt li hu jsostni u gab provi li l-vettura kellha difetti dan hu kontestat mill-konvenut u anki hemm

provi konfliggenti. Dan hu proprju dak li riedet tevita l-ligi li tesigi li l-oggett ikun integru biex jigi ezaminat mill-perit ghal fini li tigi stabbilita l-allegata inadempjenza kuntrattwali. Ghalhekk l-azzjoni odjerna kif koncepita ma tistax tirnexxi. Jibqghu riservati ghall-attur pero’ kull drittijiet ohra *si et quatenus* kontra l-konvenut.

In vista ta’ dawn il-konkluzjonijiet, it-Tribunal mhux il-kaz li jigu kkunsidrati l-ahhar eccezzjoni mill-ewwel nota/risposta u l-ahhar zewg eccezzjonijiet min-nota/risposta ulterjuri tal-konvenut.
Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut cjoe’ dik relattiva ghall-interess guridiku a spejjez tieghu u jiddikjara l-mertu tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut rigwardanti l-allegata nebolozita ta’ l-azzjoni ezawrit, jiddisponi mill-kawza billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez relattivi a karigu ta’ l-attur li fir-rigward tieghu jibqa’ riservat kull dritt fil-konfront tal-konvenut *si et quatenus*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------